Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 128/2012

Il-Pulizija

[Spettur Louise Calleja

Spettur Raymond Aquilina]

Vs

Raymond Mifsud

Illum, 23 ta' Frar, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-appellant Raymond Mifsud, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 18667M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fl-10 ta' Gunju 2004 u fil-granet u fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. B'qerq jew ingann jew uzu hazin tal-awtorita' b'influwenza, jew pressjoni, ittraffika persuna jew persuni ta' l-eta' bil-ghan li dik il-persuna jew persuna tigi u/ jigu sfruttata jew sfruttati ghall-prostituzzjoni jew f'attivitajiet pornografici, jew fil-produzzjoni ta' materjal pornografiku;

2. Talli fl-istess lok u zmien, xjentement ghex ghal kollox jew in parti mill-qliegh tal-prostituzzjoni ta' persuni ta' nazzjonalita estera;
3. Talli fl-istess lok u zmien zamm u ezercita jew kellu sehem ma ohrajn fl-ezercizzju ta' burdell jew ta' dar, hanut jew lokal iehor jew ta' xi parti minnhom li huma ffrekwentati jew maghduda bhala li huma ffrekwentati ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali;
4. Talli fl-istess lok u zmien, bhala s-sid jew li ghandu taht idejh l-amministrazzjoni ta' dar jew fond bl-isem ta' fond numru 25 Imgieret Road Luqa, xjentement ta b'kiri, jew ippermetta l-uzu ta' dan il-post ghal skop ta' prostituzzjoni;
5. Talli fl-istess lok u zmien sabiex jissodisfa z-zina ta' haddiehor, gieghel bil-vjolenza jew hajjar b'qerq persuna ta' l-eta' ghall-prostituzzjoni, liema reat sar bl-abbuz tal-awtorita', ta' fiducja jew ta' relazzjoni familjari, bhala drawwa u bi hsieb ta' qliegh;
6. Talli fl-istess lok u zmien, bla ordni skond il-ligi ta' awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta zamm jew issekwestra lil persuni kontra l-volonta' taghhom fosthom Olga Morozova, Irina Solozobova u Liliya Chesta;

Kif ukoll talli b'hekk Raymond Mifsud kiser il-provedimenti tal-Artikolu 9 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta, meta kkommetta reat iehor wara li nghata sentenza gie liberat taht kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien tliet snin, liema sentenza giet moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fit-3 ta' Settembru 2002, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-1 ta' Marzu, 2012 sabet u ddikjarat lill-esponenti mhux hati a tenur tal-artikoli 204(1)(b)(d) u 248A(2)(a)(b) tal-Kodici Kriminali u mhux hati a tenur tal-artikolu 8(2) Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta, izda sabitu hati tal-akkuzi a tenur tal-artikoli 248B tal-

Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u a bazi tal-artikoli 7(1)(3), 8(1), 9 u 10 tal-Kap 63 tal-Ligijiet ta' Malta u kkundannatu ghat-terminu massimu fil-ligi ta' prigunerija ta' disa' (9) snin fuq l-akkuza kontra l-artikolu 248B tal-Kapitolu 9, flimkien ma' terminu ta' prigunerija ta' sena (1) fuq l-akkuzi kontra d-dispost tal-Kap 63 li huma komprizi u li skond l-artikolu 17B ma jistghux jinghataw f'aktar minn nofs taghhom u ghalhekk ukoll multa ta' mitejn u tletin euro (€230), inoltre ai termini tal-artikolu 23 tal-Kap 9 ordnat ukoll il-konfiska tad-dar (*farmhouse*) tal-imputat, 25 Ingieret Road Luqa favur il-Gvern ta' Malta, u, finalment itrattat ulterjorment mal-imputat ghall-ksur tal-Kap 446 (ex Kap 152) stante li rrizulta li l-imputat kiser kundizzjoni tal-liberta' kondizzjonata imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati permezz ta' sentenza tat-3 ta' Settembru 2002 u wara li rat l-artikolu 325(b), 221(1), 383(dd), 339 Kap 9 u 7 u 23 Kap 446, ikkundannatu ghal piena ta' sena (1) prigunerija ghall-akkuzi ravvizati fl-artikolu 325(b) u 221(1) Kap 9 u ghall-ammenda ta' hamsin (50) euro ghall-kontravvenzjonijiet ukoll imsemmija f'dik is-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appellant Raymond Mifsud pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-13 ta' Marzu, 2012 li permezz tieghu talab lil din il-Qorti jogghobha tvarja u timmodifika is-sentenza appellata billi:

a. **thassar id-digriet tas-26 ta' April 2010** u tilqa' t-talba maghmula mill-esponenti u dan minghajr pregudizzju ghall apprezzament tal-provi u l-aggravji hawn migjuba u tat-talbiet li ser jsegwu;

b. **tikkonfermaha** in kwantu ddikjarat lill-esponenti mhux hati a tenur tal-artikoli 204(1)(b)(d) u 248A(2)(a)(b) tal-Kodici Kriminali u mhux hati a tenur tal-artikolu 8(2) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta u

c. **tirrevoka** s-sejbien ta' htija a tenur tal-artikolu 248B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u in kwantu sabitu hati a tenur tal-artikoli 7(1)(3), 8(1), 9 u 10 tal-Kap 63 tal-Ligijiet ta' Malta u in kwantu sabitu hati tal-vjolazzjoni tal-artikolu 23 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement sabitu hati ta' l-artikoli 325(b),

221(1), 383(dd), 339 Kap 9 u tilliberah minnhom kollha u minn kull htija skond il-ligi u

d. fl-eventwalita' li tkun ikkonfermata xi htija tal-esponenti**, li tvarja** l-piena nflitta ghal piena ohra nqas u aktar ekwa skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat, esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Illi l-aggravji tal-appellant u jikkonsistu fis-segwenti:

Ghandu jinghad mil-bidu nett illi l-esponenti, mhux qieghed jinterponi appell f'xi forma jew ohra ghar-rigward tad-decizjoni tal-Ewwel Qorti ghar-rigward tal-artikoli 204(1)(b)(d) u 248A(2)(a)(b) tal-Kodici Kriminali u a tenur tal-artikolu 8(2) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghal ragunijiet ovvji stante liberatorja.

**1) Ma gietx pruvata l-ezistenza legali tal-ewwel imputazzjoni fid-dawl tal-provi mressqa u li l-analizi tal-provi thalli *a lurking doubt* dwar jekk Miss A, Miss B u Miss C gewx Malta under *false pretences* b'ingann jew b'qerq jew gewx Malta ben konsapevoli tal-fatt li kienu ser jahdmu ta' prostituti.**

Illi fid-dawl tal-fatt li l-artikolu 248B tal-Kodici Kriminali, jehtieg li l-prosekuzzjoni trid tipprova sal grad tac-certezza morali mhux biss l-actus reus izda ukoll il-mens rea li l-esponenti kellu sabiex tinstab htija.

Fil-kaz odjern, minghajr pregudizzju ghar-rigward tal-aggravji li jsegwu, l-esponenti jikkontendi li jekk ghal grazzja tal-argument, dina l-Onorabbli Qorti temmen il-verzjoni tax-xhieda, l-ebda prova ma turi sal grad tac-certezza morali li l-esponenti kellu xi mens rea in konnessjoni ma' dan l-artikolu 248B tal-Kodici Kriminali.

**1.A) dwar ix-xhieda Olga Morosova, Irina Solozobova u Liliya Cesta**

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti korrettement sabiex rat x'inhuwa u fiex jikkonsisti "traffikar ta' persuni" rat id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 248E tal-Kodici Kriminali.

Ghandu jigi mfakkar kif il-kelma "bejgh" misjuba llum il-gurnata fid-definizzjoni ma kienx applikabbli ghall-agir li bih giet imputat l-appellant stante li tali kelma giet mizjuda permezz tal-Att VII tas-sena 2010 u dahal fis-sehh nhar id-9 ta' Lulju 2010 permezz tal-Avviz Legali 345 tas-sena 2010.

Jifdal ghaldaqstant ai fini ta' definizzjoni ta' traffikar ta' persuni agir li huwa wiehed jew aktar mis-segwenti "skont kif jista` jkun il-kaz":

i. Reklutagg
ii. Transport
iii. Trasferiment ta' persuna

L-esponenti minn dan kollu x'ghamel? Meta wiehed jifli l-provi migbura, jista` qatt b'certezza morali jkun konvint li b'xi mod l-esponenti kien involut f'xi agir imsemmi supra?

Illi dawn l-elementi jridu jinqraw u jridu jinstabu fid-depozizzjoni tax-xhieda Olga Morosova, Irina Solozobova u Liliya Chesta, fejn jridu jwasslu ghac-certezza moral ital-gudikant li hekk gara.

Dawn it-tlett xhieda jsemmu kif huma l-mezz li bieh saru jafu b'Malta kien tramite Tanja jew Tatiana u cioe` permezz ta' Tatiana Elkina[1].

**Folio 27, Olga Morosova tghid:**
"it was Tatiana that made the arrangements for us [tinkludi ukoll lil Irina Solozobova maghha] to come to Malta."

**Folio 45, Irina Solozobova tghid:**
"it was Tatiana that made me the offer to work in Malta"

**Folio 61, Liliya Chesta tghid:**
"it was Tatiana that contacted me about this contest"

Huwa palesi li jista` jkun konkluz, anke mil-qari tal-kumplament tad-depozizzjoni ta' dawn il-persuni, li r-reklutagg taghhom kien wiehed li l-esponenti ma kienx involut fih izda li kienet responsabbli unikament ghalieh Tatiana Elkina. Din l-istess persuna tghid fix-xhieda taghha a folio 209 u 210:

"wara dakinhar kien kont ukoll gibt tfajliet Russi ohrajn, jiena ghamilt telefonata lil agent fir-Russja u kien baghtli zewg tfajliet".

Naturalment sabiex l-agir ta' Tatiana Elkina jaffettwa lill-esponenti, wiehed jrid necessarjament jara l-artikolu 42 tal-Kodici Kriminali. Naturalment ukoll l-analizi tax-xhud Tatiana Elkina trid tittiehed b'kawtela kbira u dan in

[1] Filwaqt li fl-atti processwali kunjom din ix-xhud huwa miktub Alkina, fis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali decizi nhar is-27 ta' Ottubru 2005 per Mag. Dr. A. J. Vella, proceduri konnessi mal-kaz odjern, u li huma res judicata minn dik il-Qorti, kunjom ix-xhud huma miktub bhala Elkina

konformita` mal-artikolu 639(3) tal-Kodici Kriminali[2]. L-esponenti jishaqq li s-sub-incizi kollha tal-artikolu 42 ma japplikawx fil-kaz odjern stante li dak li ghamlet Tatiana Elkina kien minn rajha u li fl-ebda hin ma giet ordnata, mgieghelha, mhejjuna u/jew assistita mill-esponenti f'dan ir-rigward.

Li ghandu jigi kkunsidrat huwa l-fatt li meta l-artikolu 248E jitkellem dwar transport u/jew trasferiment ta' persuna, tali trasferiment ghandu jkun wiehed illegali, mhux biss billi jkunu utilizzati mezzi irregolari tad-dhul u hrug min territorju ghal iehor izda anke fil-kaz li jkunu utilizzatti mezzi regolari, li l-vittima ta' dak it-trasferiment ta' persuni, ma tkunx tat il-kunsens taghha sabiex tigi hekk trasportata u/jew trasferita u li tali kunsens ma jkunx hemm minhabba xi forma jew ohra ta' qerq jew ingann. Dan huwa l-ispirtu tal-Palermo Convetion tas-sena 2000 u cioe` l-Protocol to the UN Convention against Transnational Organized Crime.

Hemm numru ta' fatturi li fil-fehemha tal-esponenti l-Ewwel Qorti naqset milli tikkunsidra jew ikkunsidrat minn lenti hazina, meta hija giet biex tgharbel il-provi u cioe` t-testimonjanza tax-xhieda msemmija supra:

*Dwar Olga Morosova*

a. Perunsa li ser tkun mizmuma minghajr ma tithalla l-opportunita` li taghmel kuntatt ma terzi li ma humiex il-pimp/s u l-klijenti, tinghata sim card valida li tahdem f'Malta u tant tahdem li fil-fatt jirnexxielek iccempel f'pajjizek u taghmel kuntatt ma' ommok? Vide folio 28, folio 31

---

[2] Ghalkemm dan l-artikolu jishaqq dwar x'ghandhom jaghmlu l-gurati, huwa palesi li dan il-principju japplika ukoll quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Di fatti l-istess Qorti tal-Magistrat fil-kaz odjern iddikjarat lil tali persuna ta' Tatiana Elkina bhala partecipis criminis.

b. Inti li nghatajt tali opportunita` tieqaf u tistenna l-granet ghaddejin jew jekk verament ma tridx taghmel ix-xoghol ta' prostituzzjoni [ghax kellek ripensament, jew ghax verament qatt ma ridt taghmel hekk], taqbad u ma l-ewwel opportunita` iccempel lill-ommok halli tghid lil Pulizija u/jew tibghatlek il-flus ghal vjagg lura?

c. Jekk inti "skjava" ghal skopijiet ta' prostituzzjoni taghti l-kunsens tieghek u jkollok x'taqsam ma' terz kontra r-rieda tieghek anke meta taf li ftit qabel kellek intervent kirurgiku? [Vide folio 29] Jew legittimament u ragjonevolment persuna a bazi biss ta' intervent kirurgiku tqajjem l-oggezzjoni qabel il-fatt u mhux wara l-fatt?

d. Jekk inti qatt ma gejt Malta biex tahdem ta' prostitute, meta ma ntuzatx forza fuqek, taccetta li ftit wara li wasalt hawn jkollok x'taqsam ma' persuna li ma tafiex jew jirrifjuta mal-ewwel?

e. Jew inti r-ripensament tieghek ghax kien minghalik li ser tithallas aktar bhal ma kont taqla gewwa l-iSvizzera u ghalhekk ma tridtx tahdem aktar?

f. Jekk kellek bizzejjed rieda soda li toggezzjona wara s-servizz prestart, legittimament u ragjonevolment, jigi mistoqsi, l-istess rieda kellha tkun aktar soda qabel tali servizz u setghet titqajjem qabel l-ghotja tas-servizz, allura ghalfejn ma grax hekk?

g. Aktarx iva milli le skond l-istess u a bazi biss tal-istess xhud, a folio 30, minghajr pregudizzju, din l-oggezzjoni tqajjemt ghax "after having sex with the scond man as I explained we were told that we have to keep working like this all the time we were not given any money". Mela l-oggezzjoni tqajjmet ghax ma ridtx taghmel dan ix-xoghol jew ghax ma thallastx?

h. Persuna li tkun qed thaddmek fi skjavitu ghal skopijiet sesswali, taghtik l-ghazla tat-tip ta' xoghol li tista` taghmel jew iggieghlek taghmel ix-xoghol li tridek hi? L-artikolu 248E jishaqq li perunsa traffikata titlef il-kontroll

fuqha nnifisha. Folio 31 jipprova xort'ohra u meta l-offerta ta' stripteasers ukoll giet rifjutata "after that we were left alone undisturbed, I phoned my mother and told her not to proceed with her complained to the police as we were waiting for a flight to return to Moscow on Friday".

i. Persuna mjassra fl-iskjavitu hekk tagixxi u moghtija l-opportunita` li tintervjeni l-pulizija tghazel li twaqqafa jew tghazel li titkarrab ghall-intervent aktar mghaggel tal-Pulizija?

j. Legittimament u ragjonevolment ma huwiex normali li persuna tghalaq u ssakkar il-bibien filghaxija? Ghalfejn l-enfasi li l-bibien kienu msakkra meta matul il-gurnata ma kienux hekk? Vide folio 31 – "… the house was locked during the night" u aktar a folio 41. Jikber aktar it-thassib tal-esponenti meta Olga Morosova a folio 36 tishaqq li "this door was locked frim the inside" – mela huma ma kienux imsakkra gewwa.

k. Ghalfejn l-enfazi fuq il-fatt lil intqal lil Olga u lil Irina li Liliya kienet "crazy" meta tali diskors ma ntqalx mill-esponenti izda minn Tatiana?

l. L-Ewwel Qorti ghazlet li tistrieh fuq dak li qalu Olga u Irina fuq dak li ntqal lilhom minn Tatiana u mhux minn Raymond l-esponenti. B'mod partikolari meta wiehed jqis li l-istess xhieda jsemmu kif Raymond qatt ma tkellem maghhom bir-Russu. Vide folio 40. Legittimament u ragjonevolment dan kollu ma jqajjimx suspett ragjonevoli fuq il-kredibbitila tax-xhieda u fuq dak minnhom allegat?

m. Persuna li tkun skjava tittiehed f'restaurant biex tiekol [Vide folio 33] u imbghad wara tittiehed biex tizfen gewwa diskoteka biex tiehu pjacir [vide folio 39]?

n. Legittimament u ragjonevolment slave driver jipprotegi lill-iskjavi jew jahqarhom? Folio 33 u 41, Olga tixhed kif l-esponenti pprotegiha minn Tatiana[3].

o. Skjava/i jithallew wahidhom jew jkunu mghassa l-hin kollu? Vide folio 34 fejn l-istess xhud Olga Morosova tghid li "asked whether I or any of us could go out freely of the flat I think the doors were locked but I think we could go out but again I say I didn't try to go out. And in this flat there was no one with us we were myself, Ilina and Liliya we were always alone."

p. Skjava ghax tqajjem ilment tinghata ragun mal-ewwel u ttiehed l-airport sabiex tmur lura pajjizha? Ghandu jigi mfakkar kif Olga u Irina damu hawn Malta biss 3 ijiem u twaqqfu mil-Pulizija gewwa l-airport qabel ma qabdu titjira lura lejn ir-Russja

q. Il-passat ta' persuna ma ghandux rilevazna ghal kaz odjern, jekk xhud tammetti li qabel ma giet Malta kienet topless dancer gewwa l-iSvizzera? Legittimament u ragjonevolment dan ma ghandux bearing fuq l-apprezzament tal-verita` o meno tax-xhud Olga Morosova? Vide folio 36

r. Ma huwiex ezercizzju li xi hadd qieghed jipprova jbella r-ross bil-labra meta persuna tishaqq li kienet gejja Malta biex tahdem meta hija kienet taf li ma kellhiex work permit? Vide folio 37

s. Jekk persuna tiddikjara li hija bil-lingwa Ingliza ma tifhimx [folio 38] kif qatt tista` tifhem il-kelma "kill" a folio 35 u l-konversazzjoni kollha msemmija a folio 40 fuq il-biljett tal-ajru?

t. Kif qatt tista` Olga Morosova titfa xi htija fuq l-esponenti meta l-persuna li organizzatilha kollox kienet Irina Solozobova? Vide folio 37

u. Jekk l-esponenti ma jitkellimx bir-russu u Olga Morosova ma titkellimx bl-ingliz, kif qatt seta l-esponenti jghidilha biex jkollha x'taqsam ma persuni

---

[3] Ikkonfermat dan minn Irina Solozobova a folio 51

ohra wara l-ewwel zewg klijenti? U dan fil-perijodu li suppost kienu offruti xoghol ta' stripteasers u fil-perijodu li gie accettat li dawn jmorru lura r-Russja!?! Folio 39 u 40

v. Olga Morosova kellha dizgwid serju ma' Tatiana Elkina. Kif taf Olga Morosova li dak li kienet qed tghidilha Tatiana Elkina kien verament dak li kien qieghed jghid Raymond l-esponenti? Vide folio 40

w. Persuna mjassra u bla kontroll fuqha nnifisha ghax tkun fi skjavitu jithallewlha l-passaport taghha u l-biljett tal-ajru f'idejha? Vide folio 39

x. Jekk inti qatt ma gejt Malta ghall-ebda raguni, u suppost meta kont Malta ma kellek access ghal xejn, kif taf li nhar ta' Sibt ma hemmx titjiriet ghar-Russja minn Malta nhar ta' Sibt? Vide folio 40

y. Jekk inti provdejt servizz sesswali lil terzi bhala prostituta, kif ma ssemi xejn dwar hlasijiet li saru u l-prezzijiet? Olga Morosova ma semmiet xejn f'dan ir-rigward.

<u>*Dwar Irina Solozobova*</u>

a. Jekk Olga Morosova tikkonferma li Raymond qatt ma tkellem bir-Russu u li hija dejjem kienet fil-kumpannija ta' Irina, kif qatt tista` titwemmen din ix-xhud li Raymond kien qallhom li jridu jahdmu ta' prostituti? Meta l-istess Morosova ma tghidx hekk izda tatribwixxi biss htija lil Tatiana Elkina?

b. Kif tista` titwemmen din ix-xhud li Raymond taha istruzzjonijiet meta aktar l-isfel a folio 46 tghid "it was Tatiana that was speaking in Russian"

c. Din ix-xhud ma tafx bl-ingliz. Vide folio 51

d. Jekk dejjem kienu flimkien, Morosova u din ix-xhud, kif din ix-xhud taf il-prezzijiet ghas-servizz sesswali u l-ohra le?

e. Jekk Morosova tikkonferma li Raymond ma jafx la bl-Ingliz u lanqas bir-Russu u Solozobova tikkonferma li hija la taf bil-Malti u lanqas taf l-Ingliz, kif qatt setghet titkellem ma' Raymond l-esponenti? Vide folio 46

f. L-esponenti ma sforza lil hadd biex jahdem ta' prostituta skond din ix-xhud ghax tghid a folio 46 "I worked as a prostitute because Tatiana forced us", mela fejn hija sal-livell ta' certezza morali li l-esponenti kien il-hakem taghhom?

g. Jekk inti prostituta u hdimt ta' hekk, ma tircievi l-ebda hlas? Vide folio 46

h. Jekk inti taf bil-prezzijiet tas-servizz sesswali, u tajt servizz lil zewg klijenti, kif ma tafx kemm thallas Raymond? Vide folio 47

i. Jekk inti skjava inti ghandek ghazla dwar kemm tahdem jew le? Legittimament u ragjonevolment it-twegiba hija le; pero` din ix-xhud tishaqq li hija waqfet milli tipprostitwixxi ruhha b'ghazla taghha – vide folio 47 " I did no longer work as a prostitute because I did not like it".

j. Persuna li tkun giet traffikata fejn allura a tenur tal-artikolu 248E tal-Kodici Kriminali ma jkollhiex aktar kontroll fuqha nnifisha, jkollha din il-liberta di scelta? L-esponenti jwiegeb li le.

k. L-ewwel Qorti sahqet li wara tali rifjut l-uniku rabta li kien ghad fadal kienet wahda finanzjarja. Bir-rispett dan ma huwiex korrett. Din ix-xhud tishaqq kif hija talbet flus l-ommha mhux biss thallas lura lill-esponenti, izda sabiex tixtri biljett tal-ajru ghar-ritorn taghha – vide folio 47

l. Il-premessa tal-Qorti li dawn ix-xhieda ma setghux johorgu mil-farmhouse ma hija xejn aktar hlief assunzjoni. Din ix-xhud tishaqq li "I wasn't sure whether I was able to leave the house, I wasn't sure whether I could go out of the house …" a folio 47

m. Din ix-xhud ma taqbilx ma' Morosova ghar-rigward ta' kif kienu maghluqa l-bibien jekk hux minn gewwa jew minn barra, meta dawn it-tnejn dejjem kienu fl-istess kamra.

n. Tishaqq din ix-xhud, bhal Morosova, li hija dejjem tkellmet ma' Tatiana u li hija l-impressjoni taghha li Tatiana kienet qed tghidilhom dak li suppost intqal lillhom minn Raymond

o. Ma huwiex ezercizzju li xi hadd qieghed jipprova jbella r-ross bil-labra meta persuna tishaqq li kienet gejja Malta biex tahdem meta hija kienet taf li ma kellhiex work permit? Vide folio 49

p. Jekk inti skjava u tiddeciedi li ma tridtx tahdem aktar ta' prostituta u dan b'dannu finanzjarju ghal pimp tieghek, ma tintuzax vjolenza fuqek? Ghandu mis-sewwa dan? Folio 50 din ix-xhud tishaqq "no one used any physical force on me".

q. Huwa minnu li persuna li tkun giet ittraffikata jitnehhewla l-passport u dokumenti ohra sabiex l-agir taghha jkun kontrollat. Din ix-xhud tishaqq li "I confirm that my passport and my ticket where always in my possession" folio 50 u 51

r. Persuna li ma ghandha l-ebda kontroll fuqha nnifisha tithalla f'idejha mezz ta' komunikazzjoni ma' terzi? Folio 50 – "I confirm that I had my mobile phone together with paid sim card for it in my possession" u tkompli "… I was always free to phone and I used to phone home, I never phoned the police"

s. Jekk inti skjava u qatt ma ridt taghmel dan ix-xoghol, jekk inti ingibdt kontra r-rieda tieghek, jekk inti persuna tqarrqet bik, jekk inti persuna vittima ta' kriminali, jekk inti ma ghandekx liberta` u kontroll fuqek innifsek pero` ghandek mobile phone ma ccemplix lil Pulizija?

t. Jekk inti skjava tittiehed gewwa restauarant u diskoteka wara biex tiehu pjacir? Vide folio 50

Fid-dawl ta' dan il-kuntest, ta' dawn iz-zewg xhieda, l-esponenti jistaqsi, kif qatt ma ngabet il-prova da parti tal-prosekuzzjoni biex jintwera minn effettivament bat il-flejjes, li dawn ix-xhieda jsemmu li rcevew suppost minghand l-esponenti?

Ma ghandhiex l-obbligu l-prosekuzzjoni li ggib kollox favur u kollox kontra l-imputat a tenur tal-artikolu 346 tal-Kodici Kriminali?

Legittimanet u ragjonevolment, jistaqsi l-esponenti, setghet qatt kienet moralment konvinta l-Ewwel Qorti li dawn ix-xhieda rcevew dawn il-flejjes meta provi ta' hekk qatt ma ngabu?

Jekk l-Ewwel Qorti emmnet li dawn iz-zewg xhieda kellhom biss relazzjoni sesswali ma' tnejn minn nies kull wahda minnhom, kif wiznet it-testimonjanza ta' Lizio Delia li a folio 172 tal-atti processwali meta dan jishaqq li huwa kellu relazzjoni nitima maghom " erbgha darbiet ma' Olga u xi darba ma' Elena [ossia Irina]"?

Jew l-Ewwel Onorabbli Qorti skartat id-depozizzjoni ta' dan ix-xhud?

Jew jekk ma skartatx lil dan ix-xhud, ghandhom mis-sewwa dak li xehdu dawn iz-zewg nisa?

Jekk allura gidbu fuq dawn l-avventimenti, li ma kienx ser jgibilhom hsara legali, u allura ma kellhomx ghalfejn jigdbu fuq dan il-fatt, fuq xhiex aktar gidbu?

*<u>Dwar Liliya Chesta</u>*

b. Legittimament u ragjonevolment persuna li tiddikjara li x-xoghol li kienet ser taghmel hawn Malta kien ta' hostess li zzom kumpannija lil irgiel ma' bar, tista` qatt titwemmen li hija ma tafx li kienet gejja ghal xoghol ta' prostituzzjoni hawn Malta?

c. Legittimament u ragjonevolment x'jfisser fil-prattika tal-hajja x-xoghol ta' hostess ta' dan it-tip jekk mhux ta' prostituta? Anke harsa lejn il-passat ta' pajjizna bil-"barmaids" ta' Strada Stretta wiehed jifhem ix-xoghol ta' hostess x'inhu fil-verita`.

d. Legittimament u ragjonevolment hija kredibbli din ix-xhud meta tghid li sakemm kienet wahidha fil-farmhouse kienet izzomm kumpannija lill-rigiel ghal drinks u meta wara gew zewgt tfajliet Raymond qallhom li kellhom jahdmu ta' prostitute? Ghandu mis-sewwa dan kollu fl-isfond tac-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz a tenur tal-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali?

e. Jekk din ix-xhud qed tigdeb fuq affarijiet daqstant basici, tista` qatt titwemmen fuq affarijiet ohra, aktar serji u li ma qalet qatt bihom liz-zewg nisa l-ohra meta kienu wahidhom gewwa flat, minghajr ghassies maghhom?

f. Jekk inti skjava ghax tirrifjuta li taghmel xoghol ta' prostituzzjoni, tithalla tghaddi r-rieda tieghek? Vide folio 61 "I didn't have sex with clients because I refused, Raymond kept insisting but I kept refusing myself"

g. Jekk inti gejt traffikata mela allura suppost ma ghandek l-ebda kontroll fuqek innifsek a tenur tal-artikolu 248E tal-Kodici Kriminali. Legittimament u ragjonevolment jistaqsi l-esponenti, jekk din ix-xhud bhax-xhieda l-ohra kellha liberta` di scelta u zammet ma' din ir-rieda, kellhom kontroll fuqhom infushom jew dawn ix-xhieda?

**Jekk it-twegiba hija fl-affermattiv, u l-esponenti jishaqq li hekk hi t-twegiba, jsegwi ghalhekk li huwa ma setax jinstab hati a tenur tal-artikolu 248B tal-Kodici Kriminali.**

h. Jekk inti qattajt hin wahdek ma' zewg nisa ohra li suppost huma vittimi tal-istess par idejn ma' tghidilhom xejn mil-esperjenza tieghek u tiftah qalbek ma' haddiehor li jista` jifhmek ghax x'aktarx ghadda mill-istess esperjenza?

i. Jekk inti qabel ma ttiehidt il-Qorti biex tixhed tkellimt mal-Pulizija fuq l-esperjenza tieghek, l-ebda spettur tal-Pulizija [u f'dan il-kaz kien hemm tnejn u Assistent Kummissarju] ma hassew il-htiega li jittiehdu ritratti li juru dan il-garage u/jew issir verifika dwar jekk jezistix dan il-garage u jekk hemmx ilma/dawl/ecc?

j. It-tlett xhieda jsemmu kif skond huma meta huma kienu fil-fatt, Tatiana inghatat sikkina mil-esponenti biex suppost toqtol lil Olga. Ghandu mis-sewwa dan meta wiehed jqis li t-tlett xhieda kollha jsemmu kif l-istess Raymond waqqaf lil Tatiana milli ssawwat lill-istess Olga?

k. Jekk Olga u Irina kienu ser jittiehdu l-airport jum l-Erbgha biex jmorru lura r-Russja, skond din ix-xhud [vide folio63], kif qatt tista` titwemmen Irina Solozobova meta tghid li Raymond ried li hija ssifer is-Sibt minflok jum il-Gimgha?

l. Ghandha mis-sewwa li din ix-xhud minkejja li suppost giet maltrattata fl-istess perijodu meta l-Pulizija diga qedghin iffittxu ghal dawn in-nisa, tittiehed ghal konkors li hija giet ghalieh[4]?

m. Jekk inti qed tiehu sehem f'konkors u suppost inzammejt appartata mil-kontestanti l-ohra ghax kont go security room [*whatever this might be and mean*] fl-liema hin kellha cans bizzejjed biex taghmel **hbieb** [kelma uzata

---

[4] **Minkejja li Paul Chetcuti jghid li din it-tfajla ma hijiex wahda minn dawk li kellhom jiehu sehem fil-konkors folio 228**

mix-xhud stess] ma' partecipanti ohra wahda minn pajjiza u ma' ohra Pollakka?

n. Ghalfejn dawn iz-zweg kontestanti ma ngiebux bhala xhieda sabiex jghidulna x'qaltilhom din ix-xhud u fejn rawha qed tinzamm?

o. Jekk inti tinzamm gewwa security room u hemm security guard mieghek, dan min hu halli jkun determinat minn tah l-ordnijiet tieghu?

p. Jekk inti mhux suppost qed tithallat mal-ohrajn kif sibt mezza sabiex taghmel hbieb?

q. Jekk inti mhux suppost qed tohrog mis-security room, kif ittiehdet gewwa restaurant biex tiekol fejn allura ser jarawk zgur tal-anqas l-istaff on duty apparti l-possibbli parruccan ta' dan ir-restaurant?

r. Jekk inti ma kontx qed tippartecipa fil-konkors, kif kont fl-istess post u attivitajiet tal-konkors inkluz gewwa Ghawdex u anke fid-diskoteca li ma hijiex parti mil-hotel[5]?

s. Jekk inti kont skjava tinghata/tihalla b'mobile phone halli taghmel kuntatt ma min trid inkluz ir-ragel tieghek?

t. U jekk inti ghandek dan il-mezz, u qedha kontra qalbek taghmel dan ix-xoghol lil zewgek ma tghidlu xejn biex jghinek? Folio 68 tghid li kienet qed tibghat messaggi lil zewgha bir-russu, u li r-russu ma jifhmux l-esponenti!

u. Jekk inti tinghata kastig u tinqafel gewwa garage minghajr dawl, ilma, ikel, facilitajiet sanitarji, jittihidlek hwejjegek u l-passaport tithalla b'mobile phone f'idejk? Vide folio 66 u 68

v. Il-messaggi li din ix-xhud uriet lil Qorti qatt ma gew ippruvati li gew mibghuta lilha minn Lizio Delia u lanqas ma Lizio Delia intalab biex jikkonferma n-numru tal-mobile tieghu. Ghalfejn? Min xhiex bezghet il-prosekuzzjoni?

[5] Folio 65 tghid: "this discotheque was next to the hotel"

w. Din ix-xhud tallega li Tatiana fil-presenza ta' Olga u Irina ddikjarat li huma gieli bieghu persuni. Ghalfejn Olga u Irina fuq dan il-fattur ma gew mistoqsija xejn mil-prosekuzzjoni li kienet taf kull xhud x'ser jghid qabel ma bdew jiddeponu?

x. Ma tezisti l-ebda raguni ghalfejn Lizio Delia ghandu jigdeb fuq din ix-xhud, u din l-istess xhud tghid li Lizio huwa "an honest man". Ghalfejn l-Ewwel Qorti ma tatx importanza lil fatt li Lizio Delia jishaqq li lil din ix-xhud jafha gewwa t-Tiger Bar tal-Marsa bhala prostituta[6]? Jigi mfakkar kif l-Assistent Kummissarju Michael Cassar, ikkonferma quddiem l-Ewwel Qorti n-notorjeta` ta' dan il-bar [vide folio 198].

y. Kif qatt jista` l-esponenti jigi lilu attribwit l-element ta' ingann necessarju ghal sejbien ta' htija taht l-artikolu 248B tal-Kodici Kriminali fil-konfront ta' din ix-xhud meta din ix-xhud tikkonferma li certa Olga [ohra mhux Morosova] laqghatha ma' Tatiana u li l-ftehim sar ma' Tatiana? Vide folio 67.

z. A folio 68 tghid li saret hbieb ma' Lizio sive Buster u li dan huwa "a good man and an honest man". Pero` fl-istess hin tishaqq li ma setghetx tafda habib ta' Raymond u li "I cannot trust every good and honest man". Mela lil min tista` tafda fil-hajja?

aa. Ghandu mis-sewwa li vittima turi l-griehi taghha lil Pulizija u minkejja li l-vittima tirrifjuta assistenza medika, ma jsir l-ebda rapport mediku u lanqas ma jittiehdu ritratti ai fini ta' prova korroboratorja? Ghandu mis-

[6] X'jinghad dwar il-fatt li Lizio Delia jishaqq li ma' din ix-xhud "kelli x'naqsam ma' din Lilia sia fit-Tiger Bar sia fid-dar ta' Raymond. Fit-Tiger Bar niftakar li l-bicca l-kbira kienet toffri s-servizzi taghha Lilia." A folio 175.

sewwa li dwar dawn il-griehi l-Pulizija ma jghidu xejn fix-xhieda taghhom?  Hija kredibbli din ix-xhud?

bb. Ghalfejn ma sarx ezami medico-legali sabiex jekk dawn il-griehi kienu jezistu jkun stabbilit meta saru dawn il-griehi u ma xhiex huma kompatibbli jekk vera kienu jezistu u jekk verament gew murija?

cc. Ghandu mis-sewwa li vittima tghid lil Pulizija li hija garrbet offiza fuq il-persuna taghha u l-prosekuzzjoni fl-ebda hin ma tixli lill-esponenti b'tali agir?

**Dawn it-tlett xhieda juru agir ta' persuni li skond l-artikolu 248E tal-Kodici Kriminali ma kellhomx kontroll taghhom infushom?**

- Dan huwa agir kompatibbli ma' vittimi ta' traffikar tal-persuni ghal skopijiet ta' sfruttament ghal prostituzzjoni?

- Jew meta jkun marbul dan kollu fid-dawl tal-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali, u fid-dawl tal-artikolu 639(3) tal-Kodici Kriminali, aktar ghandu mis-sewwa li dawn in-nisa kienu jinsabu f'Malta ben konsapevoli ta' dak li kienu ser jaghmlu hawn Malta u li fil-hin kollu li damu hawn Malta huma kellhom kontroll fuq hajjithom tant, li meta skond huma ma riedux aktar jahdmu ta' prostituti, dawn filfatt hekk waqfu u ghamlu?

- Vittima ta' skjavitu ghandha din il-liberta` di scelta`?

- Jew inkella vittima ta' skjavitu vera hija mxekkla tant b'irbit [fiziku u/jew mentali] li tissoggetta ruhha ghal dak kollu mitlub minnha u titlob fil-provvidenza divina ghas-salvazzjoni taghha illum qabel ghada sakemm tispicca tirrassenja ruhha?

- Hekk tagixxi vittima ta' traffikar tal-persuni bhala Morosova, Cesta u Solozobova?

- Jew dawn huma persuni li hadu l-pedana tax-xhieda bit-tir li jbieghu lilhom infushom bhala vittimi halli huma ma jkollhomx responsabbilita` legali ghalxiex jwiegbu la f'Malta u lanqas f'pajjizhom?

**1.B) dwar ix-xhud Tatiana Alkina sive Elkina**

- Ghandu jigi mfakkar kif din ix-xhud skond ma jixhdu l-atti processwali damet zmien twil sabiex tinstab u titla tixhed il-Qorti;

- Ghandu jigi mfakkar ukoll kif, proprju ghax ammettiet l-imputazzjonijiet li bihom kienet rinfaccjata u ghax iddikjarat li hija xhud tal-Pulizija, **allura nghatat sentenza ta' prigunerija sospiza a tenur tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali**;

- L-esponenti jishaqq li l-kawtela li kienet obbligata li tuza l-Ewwel Onorabbli Qorti fl-evalwazzjoni tax-xhieda ta' din ix-xhud ma sehhx, anzi accettat *a bocca bacciata* dak li ntqal minn din ix-xhud f'dik il-parti fejn tghakkes lill-esponenti u mhux fil-parti li juru l-verita` ta' dawn in-nisa.

Fil-konfront ta' din ix-xhud, l-esponenti jaghmel dawn l-osservazzjonijiet:

a. Din ix-xhud taghmel allegazzjonijiet fil-konfront ta' certa Victoria Babjanka, fejnhom il-provi li juru li persuna b'dan l-isem u ta' nazzjonalita` Ukraina verament giet Malta?

b. Fejn hi l-prova li l-istabbiliment Knight 2 verament jezisti u jekk jezisti, jekk kienx jintuza ghal skopijiet ta' prostituzzjoni sabiex b'hekk il-verzjoni ta' din ix-xhud tkun korroborata?

c. Min huwa Edwin, min huwa Kevin, min huwa Chris u min huma s-sidien ta' Soleado Guesthouse, jekk dawn/din il-guesthouse jezistu?

d. Tikkonferma din ix-xhud li **hija gabet** tfajliet ir-Russja – folio 209, et seq

e. U tikkonferma li dawn it-tfajliet kienet iggibhom tramite ta' agent

f. Ghalfejn Olga u Irina ma jsemmu l-ebda agent, izda jsemmu li Irina kienet tkellmet ma' omm Tatiana?

g. Jew l-agent hija omm Tatiana u ghaldaqstant Tatiana kompliet taghmel xoghol ommha?

h. Olga u Irina jghidu li l-airport iltaqghu ma' Tatiana, Raymond u ma' Pawlu. Tatiana tghid li l-airport lil dawn laqaghhom taxi driver kugin ta' Raymond – folio 210. Ghalfejn din ix-xhud qed tipprova tiddistakka ruhha minn ma' dawn ix-xhieda mil-wasla taghhom hawn Malta u mhux qabel?

i. Olga u Irina jghidu li huma ma rcevew l-ebda flejjes minghand il-klijenti pero kienu jafu l-prezzijiet tas-servizz. Tatiana tghid li "dawn ukoll kienu jzommu hmistax-il lira ghal nofs siegha u mitt lira ghal kull lejl" – folio 210.

j. Tatiana tikkonferma li Liliya Cesta kienet tahdem fit-Tiger Bar il-Marsa u mhux biss Lizio jikkonferma dan. Pero` Liliya tghid li le. Ghalfejn qed tigdeb Liliya?

k. Tatiana tghid a differenza ta' Olga Morosova u Irina Solozobova li "wara l-ewwel lejl, Olga u Irina, qaluli li ma jridux jahdmu ghal daqshekk ftit u qaluli li riedu mitt Euro minn kull klijent". Minn ser jitwemmen? Jigi mfakkar kif xhud wiehed wahdu jekk emmnut huwa bizzejjed. **B'dana illi naturalment jekk Tatiana tigi emnuta f'dan ir-rigward jkompli**

**jikber aktar l-emfasi tal-esponenti, li dan huwa agir konsoni ma' persuna li ghandha l-liberta` di scelta` u li ghaldaqstant ma hijiex skjava u li dawn in-nisa gew minn jeddhom Malta biex jahdmu ta' prostituti.**

l. Tezisti raguni valida fil-ligi ghalfejn l-Ewwel Qorti skartat kompletament ix-xhieda ta' din ix-xhud?

m. Tkompli tishaqq Tatiana fil-konfront ta' dawn ix-xhieda li "huma kienu jafu ghalfejn gejjien Malta, ghaliex kienu jahdmu ta' prostituti wkoll fl-Izvizzera" – folio 213

**1.C) dwar ix-xhud Kevin Amato**

Il-proceduri kontra dan ix-xhud ghadhom pendenti kontra dan ix-xhud u dan bhal ma jista jigi liberament ikkonfermat mil-ufficjali prosekuturi. Dan ix-xhud stqarr bil-gurament tieghu li dawn il-proceduri gew konkluzi. Ta' dan biss ga huwa hati dan ix-xhud ta' gurament falz.

Apparti minnhekk, id-depozizzjoni ta' dan ix-xhud quddiem il-Qorti tal-Magistrati ta' nhar it-13 ta' Jannar 2005 ma ghandha l-ebda valur u dan minhabba l-fatt li xhieda ta' ko-awtur / komplici fi proceduri anke jew separati u distinti, galdarba dawk il-proceduri ghadhom ma spiccawx ma ghandha l-ebda valur probatorju u dan bhal ma huwa t-tghalim tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali bhal per ezempju fil-kaz fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Zammit et.** Deciz nhar il-31 ta' Lulju 1998 fejn intqal:

> "Kwantu ghal dawn ix-xhieda li qed jintalbu mill-ko-akkuzati, il-gurisprudenza, ibbazata kemm fuq il-ligi u kif ukoll fuq il-buon sens hija cara. Persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici kif

ukoll bhala ko-awtur, bl-istess reat migjub kontra akkuzat iehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra dak l-akkuzat l-iehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittivament deciz. Dan il-principju japplika sia jekk dik il-persuna tkun akkuzata fl-istess kawza tal-akkuzat l-iehor l-iehor – b'mod li jkun hemm "ko-akkuzat" fil-veru sens tal-kelma – u sia jekk tkun giet akkuzata fi proceduri separati."

**2) Piena**

**2.1) appell mid-digriet tas-26 ta' April 2010**

Minghajr pregudizzju, ghall-aggravju precedenti;

Galdarba d-digriet su riferit ma waqqafx il-kawza odjerna, l-esponenti jista` biss jappella minn tali digriet fiz-zmien odjern.

Illi l-esponenti talab, in vista tat-trapass taz-zmien bejn id-data tal-akkuza u z-zmien li kien qieghed joqrob sabiex tinghata s-sentenza, sabiex jsir a Social Inquiry Report, sabiex b'hekk, f'kaz ta' sejbien ta' htija, l-Ewwel Onorabbli Qorti tkun tista` tikkalibra l-piena taghha.

Illi l-Ewwel Qorti cahdet din it-talba ghax sahqet li "se mai, u fi stadju iehor, probation officer jista` jkun utili fir-rigward tal-piena".

Bir-rispett, ma kienx hemm stadju iehor meta jintalab tali rapport.
Ghaldaqstant l-esponenti qieghed jinterponi appell mid-digriet su riferit, b'dana illi, jsir a social enquiry report, sabiex din il-Qorti tkun tista tara

min huwa Raymond Mifsud illum il-gurnata u tikkalibra l-piena f'dan l-isfond attwali illum il-gurnata.

**2.2) applikabbilita` ta' l-artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali**

Minghajr pregudizzju, ghall-aggravji kollha precedenti, bid-dovut rispett lejn l-Ewwel Qorti, wiehed jinghata l-impressjoni li l-Ewwel Qorti riedet at all costs taghti l-ghola piena ta' prigunerija possibbli ghal kaz odjern. Dan jinghad galadarba l-Ewwel Qorti kwazi kwazi kienet apologetika li ma setghetx tinfliggi piena aktar oneruza fuq l-esponenti fir-rigward tal-imputazzjonijiet a tenur tal-Kap. 63 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bir-rispett, l-Ewwel Qorti kienet skorretta meta applikat l-artikolu 17(b) tal-Kodici Kriminali, galadarba d-delitti kollha attribwibbli lill-esponenti a tenur ta' dan il-Kap. 63 zgur li huma meqjusa bhala mezz ghal fini f'kaz li l-esponenti jigi dikjarat hati ta' l-imputazzjoni a tenur tal-artikolu 248B tal-Kodici Kriminali.

Jigi mfakkar kif fid-delitti ta' ghejxien mil-qliegh ta' prostituzzjoni, zamma ta' burdell ghal skopijiet ta' prostituzzjoni, kif ukoll li bhala sid ta' fond uza dan l-istess ghal skopijiet ta' prostituzzjoni, jsibu konkors formali jew ideali ma' l-ewwel imputazzjoni a tenur tal-artikoli 248B tal-Kodici Kriminali.

Analizi tal-gurisprudenza f'dan ir-rigward taghti konfort lill-esponenti u dan bhal ma ser jigi muri matul it-trattazzjoni orali ta' dan ir-rikors.

**2.3) l-applikabbilita fil-prattika tal-artikolu 17(b) tal-Kodici Kriminali**

Minghajr pregudizzju, ghall-aggravji kollha precedenti, l-Ewwel Qorti meta applikat dan l-artikolu, nsiet ghal kollox il-principju in dubbio pro reo u minflok ma applikat tali artikolu bl-aktar mod vantagguz ghal hati, ghazlet li tapplikah bl-aktar mod oneruz ghal fuqu. Jingab a konjizzi ta' dina l-Qorti li f'kawza mil-aktar koroh, fejn il-vittimi sfaw imwegga bl-ikrah mod possibbli, dina l-Qorti xorta wahda applikat dan l-artikolu bl-aktar mod favorevoli tal-hati[7].

Dan qieghed jinghad minghajr pregudizzju ghal fatt li anke jekk wiehed jiehu nofs il-piena tad-delitti msemmija a tenur tal-Kap. 63 tal-Ligijiet ta' Malta, xorta wahda dan ma jwassalx ghal piena ta'sena prigunerija.

**2.4) il-ksur ta' conditional discharge**

Ghandu jigi mfakkar kif is-sentenza msemmija u cioe` dik moghtija nhar it-3 ta' Settembru 2002 ma hijiex formanti parti mill-atti processwali. Ghaldaqstant japplika l-principju quod non est in acti non est in mundo.

Wiehed jista` jargumenta li galadarba hemm riferenza ghal tali sentenza fil-fedina penali tal-imputat allura l-prova tezisti. Pero tali argument jgib mieghu perikoli kbar. Tista` qatt tkun moralment konvinta din il-Qorti dwar xhiex ezattament instab hati l-esponenti jekk hux skond kif hemm miktub fil-fedina penali jew le? Tista` qatt Qorti tkun taf x'kienu l-fattie specie tal-kaz jekk ma tarax l-atti ta' dik il-kawza?

[7] Vide il-Pulizija v. Costantino Felice et deciza per Imhallef J. Galea Debono deciza nhar it-22 ta' Awissu 2007.

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob li r-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali jesebixxi vera kopja tal-atti tal-kawza odjerna.

F'dan id-dawl, l-esponenti minn issa jitlob sabiex il-vittima ta' dak il-kaz jingieb quddiem din il-Qorti sabiex jkun jista` jispjega c-cirkostanzi tal-kaz u din il-Qorti b'hekk tkun f'pozizzjoni ahjar li tifhem x'tip ta' piena ghandha tigi mposta fuq l-esponenti f'dan ir-rigward.

**2.5) applikabbilita` tal-artikolu 23 tal-Kodici Kriminali fil-konfront tal-farmhouse li tinsab 25, Imgieret Road, Luqa.**

Illi l-gurisprudenza ormai kopjuza tghallem kif ma jista` jkun hemm l-ebda konfiska fuq proprjeta` li terzi diga ghandhom claim legittima fuqhom. Hekk huwa fil-kaz odjern, u dana bhal ma jista` jkun ikkonfermat quddiem din il-Qorti meta hekk ser tinghata dina l-opportunita` lill-esponenti.

Ghaldaqstant l-esponenti anke min din il-parti tas-sentenza qieghed jinterponi appell.

**2.6) quantum tal-piena a tenur tal-artikolu 248B tal-Kodici Kriminali**

Illi l-esponenti nghata l-piena massima ta' 9 snin prigunerija in segwitu ghas-sejbien ta' htija tal-esponenti a tenur ta' dan l-artikolu u l-ko-imputata Tatiana Elkina, mixlija bl-istess imputazzjonijiet inghata **sentenza ta' sentejn prigunerija sopiza ghal erba' snin**.

Ghalfejn din id-differenza fil-piena? Huwa mifhum u koncess li persuna tista` tibbenefika minn riduzzjoni tal-piena f'kaz ta' ammissjoni bikrija u f'kaz ukoll ta' kooperazzjoni mal-pulizija, pero ma huwiex mifhum kif u ghalfejn ghandu jkun hemm tali differenza enormi bejn it-tnejn. Dan jinghad b'responsabbilita` akbar meta wiehed jqis li x-xhieda Olga Morosova, Irina Solozobova u Liliya Cesta jishqu kif l-arrangamenti necessarji u semmai jekk sar xi lurking under false pretences sehh unikament da parti ta' Tatiana Elkina.

Hija l-istess Tatiana Elkina li tghid li hija ma gieghtx imgieghegla taghmel dan l-agir. Jemergi bic-car li kienet Tatiana Elkina li holqot semmai l-grajja kimerika li dawn in-nisa kienu ser jahdmu gewwa Tatiana's Restaurant u mhux l-esponenti.

Fuq id-disparità ta' pieni bejn ko-imputati, l-***Archbold's Criminal Pleading, Evidence and Practice 2008*** jghid:

"Disparity of sentence may occur in a number of different forms. The most obvious is where one co-defendant receives a more severe sentence than the other, when there is no good reason for the difference (see, for example, R v Church, 7 Cr.App.R.(S.) 370, CA). There may equally be disparity when the defendants receive identical sentences, despite relevant differences in their culpability or personal circumstances (see R v. Sykes, 2Cr.App.R.(S.) 173, CA;.... There may equally be disparity where the difference between the sentences imposed on two defendants either exaggerates the difference in their culpability or personal circumstances (see R. v. Frankson [1996] 2 Cr.App.R(S.) 366,CA, or

is insufficient to mark the difference[8] (see R. v. Tilley, 5 Cr.App.R.(S.) CA; R. v. Griffiths [1996] 2 Cr.App.R(S.) 444, CA)." [5-106]

Il-***Blackstone***[9] fuq dan il-punt jghid ukoll:

"The failure of the court of sentence to distinguish between offenders when one has powerful mitigation and the other does not can give rise to a successful ground of appeal[10] against sentence." [D25.46]

Din id-differenza tkompli tikber meta wiehed jqis kazijiet ohra ta' sejbien ta' htija simili a tenur tal-artikolu 248B tal-Kodici Kriminali, fejn il-piena xorta wahda ma kienitx fil-massimu taghha u dan bhal ma ser jigi muri matul it-trattazzjon orali ta' dan l-appell.

**2.7) quantum tal-piena in generali**

Illi tenut kont tal-fatti specie ta' dan il-kaz, meta imqabbel ma' kazijiet ohra li ga gew decizi minn dina l-Onorabbli Qorti, fejn ic-cirkostanzi ta' dan il-kaz huma l-istess, fejn f'dawk il-kazijiet, il-perijodu ta' zmien kien ferm u ferm akbar mil-portata ta' 3 ijiem li jsibu ruhhom f'dan il-kaz, il-piena inflitta kienet wahda eccessiva u dana bhal ma ser jkun muri matul it-trattazzjoni orali ta' dan l-appell.

Ikkunsidrat,

---

[8] Sottolinear tal-esponenti
[9] Edizzjoni 2011
[10] Sottolinear tal-esponenti

Illi il-ligi dwar ir-reat tat-traffikar tal-persuni ghal skopijiet ta' prostituzzjoni u cioe' l-artikolu 248B tal-Kap.9 gie introdott mill-legislatur permezz ta'l-Att III ta'l-2002, (sussegwentement emendat) sabiex tigi in linja mal-ligijiet internazzjonali li kienu qed jiggieldu kontra dan ir-reat gdid li kienu qed jiehu dimenzjoni dinjija, ewlenija fosthom l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti Kontra r-Reati Organizzati Transnazzjonali tal-15 ta' Novembru 2000 (l-ewwel strument globali maħsub kontra n-*networks* kriminali u biex iħares lil persuni mill-iskjavitù, mill-isfruttament sesswali u mill-impjiegi illegali) u l-Protokoll għall-Prevenzjoni, Soppressjoni u Kastig tat-Traffikar tal-Persuni, Speċjalment ta' Nisa u Tfal[11], li jissupplementa din il-Konvenzjoni.

Fl-artikolu 3 tal-protokoll it-traffikar huwa hekk definit:

*"Trafficking in persons" shall mean the recruitment, transportation, transfer, harbouring or receipt of persons, by means of the threat or use of force or other forms of coercion, of abduction, of fraud, of deception, of the abuse of power or of a position of vulnerability or of the giving or receiving of payments or benefits to achieve the consent of a person having control over another person, for the purpose of exploitation. Exploitation shall include, at a minimum, the exploitation of the prostitution of others or other forms of sexual exploitation, forced labour or services, slavery or practices similar to slavery, servitude or the removal of organ.*[12]"

Fejn allura jinghad illi:

---

[11] Iffirmat minn Malta fl-14 ta' Dicembru 2002 u sussegwentement ratifikat fl-24 ta' Settembru 2003.

[12] L-istess definizzjoni moghtija fl-artikolu 248E tal-Kap.9 qabel l-emendi introdotti bl-Att VII tal-2010 fejn gie introdott il-kuncett tal-bejgh.

*(b) The consent of a victim of trafficking in persons to the intended exploitation set forth in subparagraph (a) of this article shall be irrelevant where any of the means set forth in subparagraph (a) have been used;*

Fl-istess nifs anke d-dritt komunitarju fl-2002, permezz tad-Decizjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/629/JHA, liema d-decizjoni kwadru illum giet superata bl-implimentazzjoni tad-Direttiva 2011/36/EU, kellha l-ghan, bhall-Konvenzjoni u l-ligi taghna del resto, *"**li r-reat kriminali serju tat-traffikar tal-persuni jkun indirizzat mhux biss permezz ta' azzjoni individwali minn kull Stat Membru iżda permezz ta' approċċ komprensiv fejn id-definizzzjoni ta' l-elementi kostitwenti tal-liġi kriminali komuni għall-Istati Membri kollha, inklużi sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi, jifformaw parti integrali**."*

Fl-artikolu 1 tad-Decizjoni Kwadru jinghad:

***"Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri neċessarji sabiex jiżgura li l-atti li ġejjin ikunu kastigabbli: ir-reklutaġġ, trasport, trasferiment, kenn, lqugħ sussegwenti ta' persuna, inkluż l-iskambju jew trasferiment tal-kontroll fuq dik il-persuna, fejn:***

***(a) isir użu minn sfurzar, forza jew theddid, inkluż il-ħtif, jew***

***(b) isir użu minn qerq jew frodi, jew***

***(ċ) ikun hemm abbuż ta' awtorità jew pożizzjoni ta' vulnerabbiltà, li tkun tali li persuna ma' jkolliex alternattiva reali u aċċettabbli iżda li tissottometti għall-abbuż involut, jew***

***(d) ħlasijiet jew benefiċċji jingħataw jew jiġu rċevuti sabiex jinkiseb il-kunsens ta' persuna li jkollha kontroll fuq persuna oħra għall-għan ta' l-isfruttament tax-xogħol jew servizzi ta' dik il-persuna, inkluż mill-anqas xogħol jew servizzi sfurzati jew obbligatorji, skjavitù jew prattiċi simili għall-iskjavitù, jew għall-għan tal-***

*prostituzzjoni ta' oħrajn jew forom oħra ta' sfruttament sesswali, inkluża l-pornografija.*

*2. Il-kunsens ta' vittma tat-traffikar tal-persuni għall-isfruttament, mixtieq jew reali, għandu jkun irrelevanti fejn xi wieħed mill-mezzi msemmija fil-paragrafu 1 ikunu ġew użati.*

Dan l-artikolu huwa eku tal-ligi introdotta fil-kodici penali taghna ftit xhur qabel rifless fid-dispost tal-artikolu 248B tal-Kap.9 li jaghmel referenza ghall-artikolu 248A(2) bhala l-mezzi adoperati ai fini tal-kummissjoni tar-reat meta kien hekk dispost qabel l-emendi introdotti fl-2010 u fl-2013:

*"Kull min, b'xi wieħed mill-mezzi msemmija fl-artikolu 248A(2) jittraffika persuna tal-età bil-għan li dik il-persuna tiġi sfruttata għall-prostituzzjoni jew f'attivitajiet pornografiċi jew fil-produzzjoni ta' materjal pornografiku jeħel, meta jinsab ħati, il-piena li hemm fl-artikolu 248A(1)."*

*Fejn imbaghad l-artikolu 248A(2)(a) u (b) li jikkoncernaw l-akkuza in dizamina jindika bhala dawk il-mezzi:*

*(a) vjolenza jew theddid, inkluż is-serq ta' persuna;*

*(b) qerq jew ingann;*

*(ċ) użu ħażin tal-awtorità, influenza jew pressjoni*

*(d) li wieħed jagħti jew jirċievi ħlasijiet jew benefiċċji sabiex jottjeni l-kunsens tal-persuna li jkollha kontroll fuq persuna oħra;"*

X'inhu l-ghan wara l-prosekuzzjoni ta' dan ir-reat serju? Ir-risposta tinsab fil-Preambolu 3 ghad-decizjoni kwadru surrefirta:- "**<u>It-traffikar tal-bnedmin jinvolvi vjolazzjonijiet serji tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem u d-dinjità umana u jinvolvi prattiċi bla ħniena bħall abbuż u l-qerq ta' persuni vulnerabbli, kif ukoll l-użu tal-vjolenza, theddid, jasar tad-dejn u sfurzar</u>**."

Issa l-lanjanza ewlenija imressqa mill-appellanti tikkoncerna essenzjalment l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti fejn allura fil-fehma tieghu ma hemmx il-prova sal-grad rikjest mill-ligi penali dwar l-ingann jew il-qerq li bih it-tlett tfajliet involuti spiccaw joffru servizzi sesswali ghal hlas lill-irgiel li l-appellanti laqqaghhom maghhom. L-appellanti jallega illi dawn it-tlett tfajliet gew Malta konsapevoli tal-fatt illi kienu ser jipprostitwixxu rwiehhom.

"Issa, kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti, l-Qorti tal-Appell ma tissostitwix id-diskrezzjoni w l-gudizzju taghha ghal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta ta' apprezzament tal-fatti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk il-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawlha setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta' ligi w ta' ragjonevolezza. Fi kliem iehor tara jekk dik il-konkluzzjoni kienetx *wahda "safe and satisfactory"* fid-dawl tar-rizultanzi." (Ara. App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et"** [12.5.94] ; **"Il-Pulizija vs. Emmanuel Mifsud"** [11.7.94]; **"Il-Pulizija vs. Joseph Zahra"** [10.5.2002] u ohrajn ). Minn ezami akkurat tad-decizjoni impunjata jidher illi l-Ewwel Qorti ezaminat u gharblet ix-xhieda kollha li kellha fl-atti u li kellha ix-xorti tisma' hija stess *viva voce*, ezercizzju illi din il-Qorti hija prekluza milli taghmel.

Issa kif tajjeb qal l-appellanti l-element materjali ai fini tal-kummissjoni tar-reat, u dan fit-termini tal-ligi kif kienet vigenti fl-2004 u cioe' fiz-zmien indikat fl-akkuza, kien

jinvolvi azzjoni ta' reklutagg, trasport u trasferiment tal-persuni. Izda id-definizzjoni tal-ligi ma tieqafx hemm skont kif qed jipprospetta l-appellanti, ghaliex tinkludi ukoll "il-ħabi ta' dik il-persuna, … li wara tiġi riċevuta u jkun hemm il-bdil ta' kontroll fuq dik il-persuna, …. u tinkludi kull għemil li jiffaċilita id-dħul, transitu, residenza fi jew ħruġ mit-territorju ta' xi pajjiż għal xi wieħed mill-għanijiet imsemmija fl-artikoli preċedenti ta' dan is-sub-titolu, skont kif jista' jkun il-każ."

Issa l-appellanti allura ma jistax ighid li ma kienx involut fit-trasferiment jew trasport tat-tlett tfajliet u jitfa' l-htija fuq il-partner tieghu dak iz-zmien certu Tatiana Elkina, li l-kaz taghha diga ghadda in gudikat[13]. Dan ghaliex huwa fatt ippruvat, kif tajjeb stqarret l-Ewwel Qorti fid-decizjoni impunjata, illi l-appellanti ha l-izbriga illi joffri residenza lil dawn it-tfajliet u anke laqghhom ma' irgiel ghal skopijiet ta' prostituzzjoni f'*farmhouse* li kienet proprjeta tieghu fejn hemmhekk inzammu mizmuma. Il-Qorti, bhall-Ewwel Qorti qabilha issib illi l-verzjoni ta' dawn it-tfajliet hija wahda pjenament ikkoroborata mhux biss minn dak li jistqarru huma izda ukoll minn dak mistqarr minn din Tatiana, Lizio Delia u Kevin Amato, l-ahhar tlieta kollha komplici fil-kummissjoni tar-reat flimkien ma'l-appellat.

Illi malament jissottometti l-appellanti ukoll meta jishaq illi dawn it-tfajliet gew ittrasportati lejn Malta bil-kunsens taghhom u b'mod legali u anke jaghmel referenza ghal Protokoll su-iccittat meta kif inghad dan il-Protokoll u warajh id-Decizjoni Kwadru tal-Unjoni Ewropeja kienu konsoni meta inghad, u jerga jigi iccitat. illi:

***Il-kunsens ta' vittma tat-traffikar tal-persuni għall-isfruttament, mixtieq jew reali, għandu jkun irrelevanti fejn xi wieħed mill-mezzi msemmija fil-paragrafu 1 ikunu ġew użati.***

---

[13] Deciza Qorti tal-Magistrati fis-27/10/2005

u hawn qed issir referenza ghal mezzi li dwarhom l-appellanti gie misjub hati ta'l-ingann u l-qerq, theddid u serq jew sekwestru tal-persuni. Illi jirrizulta mill-atti u senjatament mix-xhieda ta' dawn it-tlett tfajliet illi ghalkemm huma iddahhlu Malta b'mod legali, madanakollu qatt ma gew infurmati illi l-ghan tal-permanenza taghhom f'pajjizna kellu jkun sabiex jaghmlu xoghol ta' prostituzzjoni. Tant dawn t-tfajliet kienu mizmuma kontra r-rieda taghhom li wahda minnhom spiccat ikkuntattjat lil ommha gewwa r-Russja biex titlob l-ghajnuna, b'Liliya Chesta imbaghad tirrakonta kif hija giet mhedda u maqfula gewwa garage ghal granet shah mill-appellanti fejn bil-kemm inghatat x'tiekol ghaliex ippruvat taqbez recint biex tahrab u dan meta irrifjutat tipprostitwixxi ruhha. Mhux biss izda giet mizmuma appartata mit-tfajliet l-ohra bl-iskuza li din kienet mignuna. Giet rilaxxjata mill-appellanti meta dan induna li kienu gew ikkuntattjati l-awtoritajiet u li allura kien ser jinqabad mill-pulizija, meta imbaghad dawn it-tlett tfajliet gew mehuda l-ajruport sabiex ifittex jehles minnhom u jibaghthom lura f'pajjizhom. Illi di piu' mhuwiex minnu illi sabiex jissussisti dan ir-reat il-vittmi iridu jiddahhlu illegalment fil-pajjiz kif donnu qed jissugerixxi l-appellanti billi d-definizzjoni ta' traffikar kif hawn fuq iccitata ma issemmi dan ir-rekwizit imkien. Ghalhekk din il-Qorti tara illi ma hemm l-ebda mottiv li jista' igieghelha titbieghed mill-fehma milhuqa mill-Ewwel Qorti meta hija ghamlet apprezzament siewi tal-atti probatorji sabiex sabet reita' fl-appellanti.

Illi l-appellanti imbaghad iressaq diversi aggravvji marbuta mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti. Ibda biex l-appellanti jilmenta illi permezz ta' digriet ta'l-Ewwel Qorti tas-26 ta' April 2010 giet michuda it-talba maghmula minnu sabiex jithejja Social Enquiry Report. Jidher, madanakollu illi dan l-ilment gie sorvolot fil-mori ta' dan l-appell billi mill-verbal tat-22 ta' Jannar 2015 din il-Qorti, kif diversament ippresjeduta laqghet it-talba ta'l-appellat u thejja social enquiry report li jinsab esebiet in atti. Kwindi il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' dan l-aggravvju.

L-appellanti imbaghad jilmenta illi gjaldarba kien jezisti l-konkors formali jew idejali tar-reati addebitati lill-appellanti ikkontemplati fil-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta mar-reat ravvizat fl-artikolu 248B tal-Kodici Kriminali, allura l-Ewwel Qorti malament applikat id-dispost ta'l-artikolu 17(b) meta giet biex tikkomputa l-piena ghal dawn ir-reati billi kellha tinghata l-piena biss ghar-reat l-iktar gravi u cioe' dak ikkontemplat fl-artikolu 248B.

Illi dina l-ipotezi tal-konkors formali tar-reati giet imfissra fl-artikolu 78 tal-Kodici penali Taljan tal-1889:

"***Colui che con un medesimo fatto viola diverse disposizioni di legge, e' punito secondo la disposizione che stabilisce la pena piu' grave.***"

Dwar dan il-Professur Mamo fin-Noti tiegħu dawar il-Proċedura (paġina 45) jgħid hekk:

***' In any such case if the agent is tried for any one of the several violations of the law arising out of that fact, be it even the least serious, and a judgement is given, it shall not be lawful to subject the agent to another trial for the more serious violations. This principle, first expressly affirmed in 'Rex versus Rosaria Portelli' has now become settled law."***

"Fil-fatt fit-2 ta' Diċembru, 1939, l-Imħallef Harding fil-każ **'Camilleri versus Cilia'** kien qal li huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza tagħna li meta mill-istess fatt, **mibni fuq l-istess intenzjoni,** jinkisru żewġ drittijiet jew aktar, **m'hemmx pluralita' ta' offiżi iżda offiża waħda** bil-vjolazzjoni li jkunu iżgħar jkunu assorbiti fil-vjolazzjoni l-aktar serja. U jekk persuna tkun iġġudikata għal waħda mill-vjolazzjonijiet u jkun meħlus jew jinsab ħati, is-sentenza iżżomm kull prosekuzzjoni ġdida li tista' ssir għal kull

vjolazzjoni oħra, ukoll jekk il-vjolazzjoni li jkun tressaq fuqha l-ewwel darba tkun l-anqas waħda serja.[14]"

Dwar il-konkors formali l-Professur Anthony Mamo fin-Noti tiegħu ikompli jgħid hekk:

***"The first form of the formal or Ideal concursus arises where the same 'fact' constitutes an offence under two or more provisions of the law. The two elements are, therefore, one fact and several violations of the law.... It is essential that the violations of the several provisions of the law be the result of a single action on the part of the offender and the same criminal determination.....in other words, they are accompanied by one formal element of the offence. That which therefore prevails in determining whether the fact was one is the assessment of the intention and the purpose of the agent.***

***But, on the other hand, it must be noted that the 'fact' may consist of several acts or a series of acts which, being inspired by one single criminal purpose, constitute together one single deed or transaction.' (page 152)."***

Afferrati dawn il-principjji gurisprudenzjali ghandu johorg allura illi l-appellanti ghandu ragun f'dan l-aggravvju minnu intentat billi gjaldarba kien jirrizulta reita' ghal-offiza tat-traffikar tal-persuni, l-mezzi adoperati ai fini tal-konsumazzjoni tar-reat u li allura wasslu ghal kummissjoni ta' reati ohra kellu iwassal biex tigi erogata piena biss ghar-reat l-iktar gravi u allura din il-Qorti tara illi ghandu ikun hemm lok ghal temperament fil-piena biex jirrifletti dan il-fatt. Fid-dawl ta' dak deciz, il-Qorti ma tarax illi ghandha ghalfejn tinoltra ruhha fl-aggravju li isegwi immarkat bin-numru 2.3 dwar l-applikabbilita ta'l-artikolu 17(b) tal-Kap.9.

L-appellanti imbaghad jishaq illi l-Ewwel Qorti qatt ma setghet titratta mieghu dwar il-ksur tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 (illum sostitwita bil-Kap.446) moghtija lilu permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati tat-3 ta' Settembru 2002 billi din is-

---

[14] Il-Pulizija vs Gregory Paul Brincat et – App.Inf. 20/09/2012

sentenza ma tinsabx esebieta in atti. Illi l-Qorti fliet l-atti processwali u issib illi l-appellanti ghandu ragun. Is-sentenza qatt ma giet esebieta mill-Prosekuzzjoni u lanqas xehdu dwarha la l-ufficjali prosekuturi f'dan il-kaz u lanqas il-prosekuturi involuti fil-gudikat imsemmi. Illi minn qari tad-decizjoni impunjata fil-fatt jidher illi l-Ewwel Qorti strahet fuq il-fedina penali ta'l-appellanti sabiex itrattat mieghu ghal dan il-ksur.

Illi meta l-Ewwel Qorti giet biex titratta mal-hati dwar il-ksur tas-sentenza kif indikat, hija ma setghet qatt taghmel dan minghajr ma ikollha quddiem dik is-sentenza, dak il-gudikat bl-akkuzi li dwarhom l-appellanti instab hati u id-disposizzjonijiet tal-ligi li sawwru dak il-gudikat. Dan ghaliex fil-mument illi giet stabbilita ir-reita' ghall-akkuzi addebitati lill-appellanti permezz tal-proceduri odjerni dik il-Qorti kellha tghaddi biex imbaghad titratta mieghu daqslikieku huwa kien ghadu kemm gie misjub hati minnha ta'l-akkuzi indikati fis-sentenza li dwarha hemm l-allegat ksur. Kif setghet taghmel dan l-Ewwel Qorti, meta l-gudikat ma kienx jinsab quddiemha? Kif setghet l-Ewwel Qorti tghaddi gudizzju mill-gdid fuq l-appellanti abbazi biss ta' dak illi hemm imnizel fil-fedina penali? Il-Qorti issib allura illi l-appellanti ghandu ragun u kwindi l-Prosekuzzjoni qatt ma setghet titlob lill-Ewwel Qorti tezercita dina is-setgha meta l-prova tar-reati li taghhom l-appellanti kien gie misjub hati u ircieva l-liberta kondizzjonata minflok piena qatt ma giet esebieta in atti u allura ma setax ikun hemm prova ghas-sodisfazzjon ta'l-Ewwel Qorti tad-dikjarazzjoni ta' htija ghal dan ir-reat ulterjuri. Fil-fatt minn qari ta'l-artikolu 10 tal-Kap.152, illum l-artikolu 23 tal-Kap.446, ghandu johorg illi l-Qorti trid titratta mal-hati daqslikieku huwa ghadu kemm gie misjub hati minnha u li ikollha dik il-prova sodisfacenti dwar il-htija tieghu. Dan l-aggravvju ghalhekk qed jigi akkolt u din il-Qorti ser tirrevoka dik il-parti tas-sentenza ta'l-Ewwel Qorti fejn hija ittrattat mal-appellanti ghar-reati li dwarhom instab hati bis-sentenza tat-03 ta' Settembru 2002.

Illi anke l-aggravvju ssussegwenti jisthoqqlu akkoljiment. Dan ghaliex bix-xhieda ta' Charles Grasso in rappresentanza tad-Dipartiment ta'l-Artijiet, moghtija issa fi stadju ta'

appell, jirrizulta illi l-*farmhouse* li tinsab gewwa Imgieret Road, Luqa u fejn gie komess ir-reat in dizamina, ma tappartjeniex lill-appellanti izda lill-Gvern ta' Malta u l-appellanti kien jokkupa parti minnha biss b'mera tolleranza u minghajr ebda titolu validu fil-ligi. Kwindi l-Ewwel Qorti qatt ma setghet tghaddi biex tapplika id-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 23 tal-Kodici Kriminali u ghalhekk tordna l-konfiska ta' din il-proprjeta favur il-Gvern ta' Malta billi jirrizulta illi din l-proprjeta diga fil-fatt tappartjeni lill-Gvern ta' Malta! Din il-parti tad-decizjoni impunjata allura trid tigi revokata ukoll.

Illi bl-ahhar zewg aggravji l-appellanti jilmenta fuq il-*quantum* tal-piena erogata mill-Ewwel Qorti u dan ghar-reati li dwarhom gie misjub hati. Illi gie stabbilit b'mod kopjuz fil-gurisprudenza illi qorti ta' revizjoni bhala regola ma tirrimpjazzax il-piena moghtija mill-ewwel Qorti b'dik li kieku hija – cioe` din il-Qorti – kienet taghti f'dawk ic-cirkostanzi kemm-il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena moghtija mill-ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*".

Issa f'dan il-kaz il-Qorti madanakollu trid tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi li ma ingiebux a konjizzjoni ta'l-Ewwel Qorti. Fl-ewwel lok il-Qorti ma tistax tinjora r-rapport imhejji mill-Ufficjal tal-Probation dwar l-appellanti. Di piu' lanqas ma jista' jigi injorat it-trapass konsiderevoli ta' zmien mill-kummissjoni ta' dan ir-reat fejn mill-fedina penali tal-appellanti jidher illi minn dak iz-zmien huwa ma regax xellef difrejgh mal-gustizzja. Ovvjament ser ikun hemm kalibrazzjoni fil-piena biex jigi rifless dak iktar 'il fuq deciz. Issa fiz-zmien tal-kummissjoni tar-reat ewlieni addebitat lill-appellanti, dan kien igorr piena karcerarja bejn sentejn u disgha snin fejn allura l-Ewwel Qorti ghaddiet biex erogata l-piena fil-massimu taggha. Din il-Qorti ghalhekk thoss illi fid-dawl tac-cirkostanzi hawn fuq elenkati ma huwiex idonju illi l-piena erogata tkun wahda fil-massimu, izda ser ikun hemm temperament sabiex l-appellanti ser jigi ikkundannat

piena ta' erba' snin prigunerija ghar-reat ewlieni ikkontemplat fl-artikolu 248B tal-Kodici Kriminali bir-reati l-ohra komprizi f'dan ir-reat l-iktar gravi.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha hawn fuq migjuba din il-Qorti qed tilqa' l-appell in parte fejn filwaqt li tikkonferma s-sentenza ta'l-Ewwel Qorti fejn sabet lill-appellanti hati tar-reati ikkontemplati fl-artikoli 248B tal-Kap.9, u l-artikoli 7(1)(3), 8(1), 9 u 10 tal-Kap.63 tal-Ligijiet ta' Malta u fejn ma sabitux hati tar-reati ravvizati fl-artikoli 204(1)(b)(d), 248A(2)(a)(b) tal-kap.9 u 8(2) tal-Kap.63, tirrevokaha fejn ittrattat mal-hati ghar-reati li dwarhom gie misjub hati bis-sentenza tat-03 ta' Settembru 2002 u minflok tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba u tirrevokaha ukoll fejn ordnat il-konfiska tal-farmhouse 25, Imgieret Road Luqa, tghaddi ghalhekk biex tirriforma l-piena inflitta u tikkundanna lill-appellanti ghal piena komplessiva ta' erba snin prigunerija.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur